

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 2



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

6 ta' Jannar 2010

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 4/2010 tal-5 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 5/2010 tal-5 ta' Jannar 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 6/2010 tal-5 ta' Jannar 2010 li jniedi revizzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006 (li jimponu dazju definittiv kontra d-dumping u sussidji kumpensatorji fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja, u li jestendu dawk id-dazji għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott ikkonsenjat, *inter alia*, mill-Iżrael) għall-għanijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil esportatur wieħed Iżraeljan, li jiġi rrevokat id-dazju kontra d-dumping rigward importazzjonijiet minn dak l-esportatur u biex l-importazzjonijiet minn dak l-esportatur ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni 5**

Prezz: 3 EUR

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 4/2010

tal-5 ta' Jannar 2010

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni,

fisem il-President,

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	44,6
	TN	94,9
	TR	85,7
	ZZ	75,1
0707 00 05	EG	174,9
	MA	80,6
	TR	132,5
	ZZ	129,3
0709 90 70	MA	27,7
	TR	102,5
	ZZ	65,1
0805 10 20	EG	62,6
	MA	45,9
	TR	54,2
	ZZ	54,2
0805 20 10	MA	74,2
	TR	74,4
	ZZ	74,3
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	207,6
	IL	63,4
	TR	77,4
	US	75,0
	ZZ	105,9
0805 50 10	TR	66,1
	ZZ	66,1
0808 10 80	CA	101,1
	CN	94,2
	MK	24,7
	US	109,1
	ZZ	82,3
0808 20 50	US	106,5
	ZZ	106,5

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 5/2010**tal-5 ta' Jannar 2010****li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2/2010 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.⁽⁴⁾ ĠU L 1, 5.1.2010, p. 3.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-6 ta' Jannar 2010

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 ⁽¹⁾	44,44	0,00
1701 11 90 ⁽¹⁾	44,44	1,57
1701 12 10 ⁽¹⁾	44,44	0,00
1701 12 90 ⁽¹⁾	44,44	1,28
1701 91 00 ⁽²⁾	49,28	2,69
1701 99 10 ⁽²⁾	49,28	0,00
1701 99 90 ⁽²⁾	49,28	0,00
1702 90 95 ⁽³⁾	0,49	0,22

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 6/2010

tal-5 ta' Jannar 2010

li jniedi reviżjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006 (li jimponu dazju definittiv kontra d-dumping u sussidji kumpensatorji fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereflat tal-polietilene(PET) li joriġinaw fl-Indja, u li jestendu dawk id-dazji għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott ikkonsenjat, *inter alia*, mill-Iżrael) għall-għanijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil esportatur wieħed Iżraeljan, li jiġi rrevokat id-dazju kontra d-dumping rigward importazzjonijiet minn dak l-esportatur u biex l-importazzjonijiet minn dak l-esportatur ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-Regolament bażiku kontra d-dumping), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(4) u 13(4) tiegħu, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾ (ir-Regolament bażiku kontra s-sussidji), u b'mod partikolari l-Artikoli 20, 23(5) u (6) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI EŻISTENTI

- (1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolamenti (KE) Nru 1676/2001 ⁽³⁾ u (KE) Nru 2597/1999 ⁽⁴⁾ impona miżuri kontra d-dumping u sussidji kumpensatorji rispettivament fuq tertuqa tal-PET li toriġina mill-Indja (il-miżuri oriġinali). Permezz tar-Regolamenti (KE) Nru 1975/2004 ⁽⁵⁾ u (KE) Nru 1976/2004 ⁽⁶⁾, il-Kunsill estenda dawn il-miżuri għat-tertuqa tal-PET ikkunsinjata mill-Iżrael (il-miżuri estiżi) bl-eċċezzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpanija waħda msemmija speċifikament.
- (2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 101/2006 ⁽⁷⁾ il-Kunsill emenda r-Regolamenti (KE) Nru 1975/2004 u (KE) Nru 1976/2004 sabiex jeżenta kumpanija waħda oħra mill-miżuri estiżi.
- (3) Wara reviżjoni dwar l-iskadenza tal-miżuri kontra d-dumping, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 ⁽⁸⁾ impona dazju kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereflat tal-polietilene

(PET) li joriġinaw mill-Indja u estenda d-dazju fuq l-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkonsenjat mill-Brażil u mill-Iżrael, sew jekk ikunx iddikjarat li oriġina mill-Brażil jew le, bl-eċċezzjoni ta' ċerti produtturi speċifikati fl-Artikoli 2(4) ta' dak ir-Regolament.

- (4) Wara reviżjoni dwar l-iskadenza tal-miżuri kumpensatorji, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006 ⁽⁹⁾ impona dazju kumpensatorju fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereflat tal-polietilene (PET) li joriġinaw mill-Indja u estenda d-dazju fuq l-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkonsenjat mill-Brażil u mill-Iżrael, sew jekk ikunx iddikjarat li oriġina mill-Brażil jew le, bl-eċċezzjoni ta' ċerti produtturi speċifikati fl-Artikoli 1(3) ta' dak ir-Regolament.
- (5) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006 ġew emendati l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 15/2009 ⁽¹⁰⁾.

B. TALBA GĦAL REVIŻJONI

- (6) Il-Kummissjoni rċeviet talba għal eżenzjoni skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku kontra d-dumping u l-Artikoli 20, 23(5) u (6) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji mill-miżuri kontra d-dumping u kontra s-sussidji kumpensatorji estiżi għall-importazzjonijiet tat-tertuqa tal-PET ikkonsenjati mill-Iżrael. L-applikazzjoni tressqet minn S.Z.P. Plastic Packaging Products Ltd. ("l-applikant") produttur fl-Iżrael ("il-pajjiż ikkonċernat").

C. PRODOTT

- (7) Il-prodott li qiegħed jiġi eżaminat huwa t-tertuqa tat-tereflat tal-polietilene (PET) mill-Iżrael ("il-prodott ikkonċernat") li attwalment huwa klassifikat bil-kodiċi tan-NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

D. RAĠUNIJET GĦAR-REVIŻJONI

- (8) L-applikant jallega li huwa ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni Ewropea skont il-kodiċi NM ex 3920 62 19 jew ex 3920 62 90 matul il-perjodu tal-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi, jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2003.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

⁽³⁾ ĠU L 227, 23.8.2001, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 316, 10.12.1999, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 342, 18.11.2004, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 342, 18.11.2004, p. 8.

⁽⁷⁾ ĠU L 17, 21.1.2006, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1.

- (9) Barra minn hekk, l-applikant jallega li m'għandux x'jaqsam mal-produtturi esportaturi li huma suġġetti għall-miżuri u li ma evitax il-miżuri applikabbli għat-tertuqa tal-PET ta' oriġini Indjana.

E. PROCĊEDURA

- (10) Produtturi Komunitarji li huma magħrufa li huma kkonċernati ġew mgħarrfa bl-applikazzjoni ta' hawn fuq u ngħataw l-opportunità biex jikkumentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.
- (11) Wara li ġiet eżaminata l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika t-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku kontra d-dumping u l-Artikoli 20, 23(5) u (6) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji għall-għanijiet li tiġi ddeterminata l-possibilità li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estenzi.

(a) Il-kwestjonarji

Biex tkun tista' tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant.

(b) Ġbir ta' tagħrif u smiġh ta' seduti

Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, dejjem jekk jagħmlu talba bil-miktub li turi li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

F. IR-REVOKA TAD-DAZJU KONTRA D-DUMPING FIS-SEĦĦ U R-REĠISTRAZZJONI TAL-IMPORTAZZJONIJIET

- (12) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku kontra d-dumping, id-dazju kontra d-dumping fis-seħħ għandu jiġi rrevokat rigward l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott ikkonċernat li huma mmanifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea mill-applikant.
- (13) Fl-istess waqt, importazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku kontra d-dumping, biex ikun żgurat li, jekk l-eżami jirriżulta f'sejba ta' evitar tal-liġi fir-rigward tal-applikant, ikun jista' jiġi impost id-dazju b'lura mid-data tat-tnedija ta' dan l-eżami. L-ammont tar-responsabbiltajiet futuri possibbli tal-applikant ma jistax ikun smat f'dan l-istadju tal-proċedura.

G. IL-LIMITI TA' ŻMIEN

- (14) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien li fihom:
- (a) il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-

miktub u jissottomettu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa (11)(a) ta' dan ir-Regolament jew jipprovdu kwalunkwe tagħrif ieħor li għandu jitqies matul l-investigazzjoni, kif ukoll

- (b) il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

H. NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

- (15) F'każi fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għat-tagħrif meħtieġ jew ma tippovdihx fil-limiti taż-żmien, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, is-sejbiet jistgħu jsiru, fl-affermattiv jew fin-negattiv, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kontra d-dumping u l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.
- (16) Fejn jinstab li xi parti interessata ressqet tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jitwarrab u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kontra d-dumping u l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji. Jekk xi parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss, u s-sejbiet ikunu għalhekk imsejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kontra d-dumping u l-Artikolu 28 tar-Regolamenti bażiku kontra s-sussidji, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku din kienet ikkooperat.

I. IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI

- (17) Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta⁽¹⁾.

J. L-UFFIĊJAL GĦAS-SEDUTI TAS-SMIĠH

- (18) Qed jiġi nnutat ukoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smiġh tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. Dan jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn ikun hemm b'żonn, medjazzjoni fi kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji tal-kuntatti, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smiġh fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (<http://ec.europa.eu/trade>),

⁽¹⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed jingħata bidu għal revizzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006 skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 u l-Artikoli 20, 23(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 biex jiġi stabbilit jekk l-importazzjonijiet tat-tertuqa tat-terefalat tal-polietilene (PET) li attwalment għandhom il-kodiċi tan-NM ex 3920 62 19 jew ex 3920 62 90 ikkonsenjati mill-Iżrael permezz ta' S.Z.P. Plastic Packaging Products Ltd. (kodiċi addizzjonali TARIC A964) għandhom jiġu suġġetti għad-dazji kontra d-dumping u kontra s-sussidji imposti mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2007 u (KE) Nru 367/2006.

Artikolu 2

Id-dazju anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

1. Biex jitqiesu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom matul l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa (11)(a) ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe tagħrif ieħor, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, fi żmien 37 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Qed tingħbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju ta' ħafna mid-drittijiet proċedurali

stipulati fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 u (KE) Nru 597/2009 jiddependi milli l-parti tagħmel lilha nnifisha magħrufa fil-perjodu msemmi qabel.

Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien l-istess limitu ta' 37 jum.

2. Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux fformat elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza ppreżentata mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandu jkollhom fuqhom it-tikketta "Limitat" ⁽¹⁾ u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 u l-Artikolu 29(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, għandhom ikunu akkumpanjati minn żewġ kopji ta' verżjoni mhux kunfidenzjali, li jkollha t-tikketta "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati".

Kwalunkwe tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni u/jew kwalunkwe talba għal seduta għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: N105 4/92
B-1049 Brussels
Belgium
Faks (32 2) 295 65 05

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.


Magħmul fi Brussel, il-5 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

⁽¹⁾ Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Ikun protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 56, 6.3.1996 p. 1), l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Kontra d-Dumping), l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93) u l-Artikolu 12 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji.

EU Book shop

Il-pubblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

